MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru 64/2014

Il-Pulizija

(Spettur Sylvana Briffa)

vs

Brian Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 397679M:

Akkuzat talli fil-21 ta' Dicembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. zamm jew kellu sehem fiz-zamma ta' burdell, jew ta' dar, hanut jew local iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (1) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. xjentement, ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuni ohra, barranin u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. bhala persuna responsabbli minn hanut , allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. ghamel uzu mill-fond *"Samanta Umlawska Massage Parlour"* gewwa Triq Lorenzo Gatt, Birkirkara u *"Samanta Umlawska Massage Parlour"* gewwa Triq Patri Avertan Fenech, Mosta, ghal skopijiet barra minn dawk l-iskopijiet licenzjati ghalihom u dan bi ksur tal-Artikolu 7 u 18(d) tal-legislazzjoni sussidjarja 409.08 u ghaldaqstant bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja skond l-Artikolu 23 (1) tal-istess legizlazzjoni, u cioe bi ksur tal-Artikolu (1)(b) tal-Kapitlu 409 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li thassar jew tirrevoka kull licenzja li f'kaz ta' htija l-hati jista' jkollu ghar-rigward tal-fond indikat u l-operat tieghu.

Il-Qorti hija mitluba sabioex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Adela Czadlinska u lil dorota Ewa Janik u l-familji taghhom, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' kundanna ghal reat taht l-Ordinazzjoni Dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta' liema jkun sari r-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammisjoni fuq liema baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni li tikkomprendi r-raba'

Rat l-Artikolu 7(1), 8(1), u 9 tal-Kap 63.

Tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-reponsibilitajiet tieghi skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------